**Qorti Ċivili, Prim'Awla**

**Rikors nru 932/2023 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 1395/2023 fl-ismijiet:**

**Thomas Cristopher Brunner**

***v.***

***LeoVegas Gambling p.l.c.***

Il-qorti reġgħet rat ir-rikors u rat ukoll it-tweġiba u l-atti relativi.

Tqis illi l-korrettezza kienet titlob illi, qabel ma jitlob il-ħruġ tal-mandat li dwaru sar dan ir-rikors, is-sekwestrant kellu jgħarraf lill-qorti li quddiemha saret it-talba illi ġà kien għamel talba f'kollox identika għall-ħruġ ta' mandat ieħor għall-esekuzzjoni tal-istess sentenza u illi t-talba għall-ħruġ ta' dak il-mandat kienet ġiet miċħuda.

Fiċ-ċirkostanzi s-sekwestranti kellu jfittex ir-rimedju li tagħtih il-liġi kontra ċ-ċaħda tal-ewwel mandat u mhux jagħmel talba identika mingħajr ma għallinqas igħarraf lill-qorti bid-dikriet ta' ċaħda. Dak li effettivament għamel is-sekwestrant kien *forum shopping* illi ma hijiex ħaġa xierqa li ssir, aktar ua aktar f'ċirkostanzi fejn talbiet identiċi fuq l-istess fatti jistgħu jwasslu għal provvedimenti konfliġġenti fuq l-istess talbiet.

Għalhekk tilqa' t-talba għat-tħassir tal-mandat u tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat relativ, bla ħsara għal kull jedd tas-sekwestrant li jimxi korrettement kif trid il-liġi.

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom is-sekwestrant.

Dan id-dikriet ingħata *in camera* llum l-Erbgħa 13 ta' Settembru 2023.

Giannino Caruana Demajo
Imħallef